## Laqgha Numru 01/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti ta’ l-Ewwel Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 12 ta’ Jannar 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Il-Kunsilliera Carmela Attard, Paul Baldacchino, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit kien skuzat minhabba mard.

Fl-assenza tas-Sindku l-Kunsillier Carmela Attard mexxiet il-laqgha bhala l-Kunsillier l-aktar anzjan.

Kien hemm prezenza tal-pubbliku.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-4 ta' Jannar 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 16 / K3 / 99.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Elezzjoni ghal-Hatra ta’ Vici Sindku.**
5. **Approvazzjoni tal-Quarter Financial Report Ott. – Dic. 1999.**
6. **Mozzjoni Numru 10/99 – Il-problema ta’ l-gharar wara x-xita**
7. **Tahrig militari fil-lokal mil-AFM.**
8. **Il-Possibilita ta’ Golf Course fil-lokal.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K3/1999.

1.1. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ppropona li item 4.3 tigi emendata u jitnehha l-***“kliem minn u minhabba ……… kummercjali”***, 8.4 jitnehha s-sentenza ***“B’riferenza ghas-sighat …….. 2000”*** u biex fl-ahhar t-item 8.12 jizdied il-kliem ***“ghax ma setghetx tithawwel minhabba li l-hamrija m’hiex fonda bizzejjed”***.

1.2. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li item 3.2 titnehha u l-kontenut t-item 3.8 jitla’ ghal item 3.2.

1.3. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 16/K3/99 kif emendati.

1.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

1.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet ic-Chairwomen ghaddiet ghal item 3 ta' l-agenda.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet bejn is-16 ta' Dicembru 1999 u t-12 ta' Jannar 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghal-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 1546 | Ittra minghand RMF Limited rigward prezzijiet biex jitnehhew karozzi abbandunati. |
| 1549 | Mistoqsija Parlamentari Nmru 209 rigward Triq Misrah il-Fortizza. |
| 1563 | Ittra minghand id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni dwar il-Perit Mariello Spiteri u x-xoghol li qed isir fl-Iskola Primarja Bice Mizzi vassallo. |
| 1573 | Ittra minghand it-Taqsima Propjeta' tal-Gvern dwar il-Gnien fi Triq Camillo Sciberras. |
| 1599 | Memo 84/99 rigward Konferenza Nazzjonali 2000. |
| 1604 | Ittra minghand resident li joqghod Triq Patri Indri Vella rigward ix-xoghol ta' road resurfacing. |
| 1611 | Rapport minghand il-Field Branch Services Unit rigward l-istat tat-toroq fil-lokal. |
| 1612 | Ittra minghand l-AFM rigward tahrig militari fil-lokal fis-sena 2000. |
| 1615 | Ittra minghand is-Sur Anton Camilleri rigward Blk 5 Qasam tad-Djar San Gorg. |
| 1620 | Stedina minghand Max Media Entertainment Ltd ghall-programm televiziv bl-isem Mela Ma Nafx. |
| 1631 | Aplikazzjoni minghand Integrated resourses Management Co. Ltd. biex issir Golf Course f'Pembroke. |
| 1 | Ittra minghand ECAD dwar il-Millenum Mayor's Conference li ser issir f'City of Cork Ireland. |
| 10 | Kwotazzjoni minghand Active Enterprises Limited rigward il-Merhba signs. |
| 11 | Ittra minghand Athleta Pembroke sezzjoni ta' l-atletika jitobu sponsor lill-Kunisll ghall-maratona ta' din is-sena. |
| 13 | Ittra minghand il-Kunsillier Paul Baldacchino rigward xoghol ghall-Handyman. |
| 14 | Memo 88/1999 – Pubblikazzjoni t'Avviz Legali 222/99 dwar regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) |
| 22 | Ittra minghand il-Periti Cachia & Formosa dwar l-applikazzjonijiet ghall-locality Maps. |
| 27 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'lista t'applikazzjonijiet godda ghal |

permess ta' zvilupp.

33 Ittra minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-Elezzjoni ghal-raprezentant fuq il-Kunsill Malti ghall-Isports.

34 Ittra minghand il-Kunsillier Ray Pace dwar programm ta' xoghol ghall-handyman.

35 Ittra minghand il-Kunsillier Ray Pace rigward il-Progett tal-Playing Field ta' Triq Falaise.

40 Rapport minghand il-Field Branch Services Unit rigward l-istat tat-toroq mhux urbani.

42 Draft plan minghand MED Design Consultants rigward il-passagg ta' bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich.

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1546** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li din tkun item fuq l-agenda ladarba tibda tithaddem id-delega tal-Gwardjani Lokali.

3.3. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1563** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta' l-edukazzjoni bhala risposta kif ukoll tintbaghat kopja tal-korrispondenza li l-Kunsill rcieva minghand il-Kumpanija EMDP rigward il-kaz. Il-kelliem ppropona wkoll li l-Kunsill ghandu jigbed l-attenzjoni tad-Dipartiment li nbien struttura fuq l-iskola taht l-istess kuntratt fuq bini li huwa skedat mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-kelliem ppropona wkoll li jekk ikun ghad hemm xi diffikulta mad-Dipartiment dwar ix-xogholijiet f'din l-iskola ghandha ssir laqgha bejn il-partijiet kollha koncernati.

3.4. Il-Kunsillier Paul Baldacchnio ssekonda.

3.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1573** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Propjeta li l-Kunsill huwa nteressat fl-art fejn hemm il-Gnien fi Triq Camillo Sciberras kif ukoll li nitolbu lil-istess Dipartiment jekk hemmx xi kundizzjonijiet ghal din it-talba.

3.7. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

3.8. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1604** il-Kunsill qabel unanimament li minhabba l-fatt li quddiem plot 75 mhux ser isir tarmac fil-programm li jmiss temporanjament isir patching.

3.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1611** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment fejn jinfurmah li numru ta' toroq li huma fi stat hazin huwa mpossibbli li jsiru mill-Kunsill minhabba l-ispiza nvoluta filwaqt li hemm numru ta' toroq ohra li huma nkluzi fil-programm li jmiss ta' Road Resurfacing.

3.11. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

3.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1612** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li nformazzjoni simili tkun inkluza fil-home page tal-Kunsill fuq l-internet.

3.14. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **1615** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jikteb ufficcjalment lill-Onorevoli Vici Prim Ministru Lawrence Gonzi fejn tintbaghtlu kopja tal-korrispondenza rigward Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg kif ukoll tintalab li ssir laqgha mieghhu flimkien mar-residenti li ser jigu milquta mil-proposta tad-Dipartiment tal-Bini u Kostruzzjoni.

3.15. Ic-Chairwomen Carmela Attard ssekondat.

3.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **10** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li l-Kumpanija Active Enterprises jigu mitluba biex jirrangaw it-tabella li hemm fid-dahla tal-Qasam tad-Djar Sant Andrija minhabba li fiha xi ittri neqsin. Fir-rigward tat-tabella ta’ Triq Normandy il-kelliem irrakkomanda li jekk m’hemmx hsara kbira din tibqa’ kif inhi.

3.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **11** wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li ssir il-maratona anzi jipromovi l-attivita, li minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill ikun aktar ghaqli li l-flus jintuzaw biex isiru attivitajiet tal-Kunsill minflok li jigu sponsorjati dawk ta’ diversi ghaqdiet u li minhabba l-istess raguni l-kunsill ma jistax jilqa’ t-talba biex jigu sponsorjati numru ta’ flokkijiet.

3.19. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.21. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **13** il-Kunsill qabel unanimament li x-xoghol indikat isir mill-Handyman meta jkun hemm cans kif ukoll jekk hemm xoghol li ma jistax isir mill-Handyman jitqabbad kuntrattur privat.

3.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **22** il-Kunsill qabel unanimament li jsir bdil fil-lokazzjoni tal-locality maps skond rakkomandazzjonijiet tal-Periti Cachia & Formosa biex ikun hemm cans li jinhareg il-permess ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.

3.23. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **27** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill joggezjona ghal-applikazzjoni numru 6250/99. B’riferenza ghall-applikazzjoninumru 6618/99 il-kelliem ppropona li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet biex jigi vverifikat min hu sid l-art indikata kif ukoll li l-Kumpanija Island Hotels Group tintalab tiprovdi kopja tal-pjanti sa nhar l-Erbgha 19 ta’ Jannar 2000 f-12.00 pm. Il-kelliem ppropona li jekk il-kumpanija ma tiprovdiex kopja tal-pjanti l-Kunsill joggezzjona ghall-applikazzjoni.

3.24. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

3.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **33** il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lill-Kunsillier Pierre Cordina ghall-elezzjoni ta’ raprezentant ta’ l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq il-Kunsill Malti ghall-Isport..

3.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **34** il-Kunsill qabel unanimament li x-xoghol indikat isir mill-Handyman meta jkun hemm cans kif ukoll jekk hemm xoghol li ma jistax isir mill-Handyman jitqabbad kuntrattur privat.

3.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **35** il-Kunsillier Ray Pace informa lill-Kunsill li kien f’kuntatt mal-Periti Cachia & Formosa dwar it-tfassil tat-tender ta’ l-Upgrading tal-Playing Field ta’ Triq Falaise.

3.29. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **40** il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lid-Dipartiment li numru ta’ toroq mhux urbani m’humiex taht il-kompetenza tal-Kunsill izda ta’ l-AFM. Fir-rigward ta’ l-istat tat-toroq il-Kunsill qabel unanimamnet li jinforma lid-Dipartiment li l-prijorita tal-Kunsill kienet il-manutenzjoni ta’ toroq urbani u wara ta’ dawk mhux urbani.

3.30. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **42** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jaqbel mad-draft propost mil-Periti izda l-kumpamnija MED Design Consultants ghandhom jigu nfurmati li m’hemmx ghalfejn isiru pjanti w survey biex issir applikazzjoni bhala Outline Development lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u minhabba l-fatt ukoll li hemm il-possibilita’ li x-xoghol isir mill-Ministeru ghall-Ambjent. Il-kelliem qal li jekk ix-xoghol isir mill-Ministeru il-progett isir komplut kif suppost u mhux minimu kif propost.

3.31. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

3.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Elezzjoni ghal-Hatra ta’ Vici Sindku.

4.1. Ic-Chairwomen Carmela Attard tablet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jinforma lill-Kunsill dwar il-proceduri l-godda ta’ kif jista’ jigi elett Vici Sindku.

4.2. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-emendi l-godda ghall-ligi tal-Kunsill Lokali jistipulaw li kull Kunsillier jista’ jinnomina lill-kull Kunsillier iehor, li l-votazzjoni mhiex sigrieta u li jekk wara sitt votazzjonijiet ma jintlahaqx ftehiem il-laqgha tigi aggornata ghal bhal llum gimgha u jekk ma jergax jintlahaq ftehiem l-aktar Kunsillier anzjan f’dan il-kaz il-Kunsillier Carmela Attard tinhatar Vici Sindku ghall-perjodu ta’ tlett xhur jekk dejjem il-Kunsillier partikulari jaccetta. Jekk dan jaccetta wara l-perjodu ta’ tlett xhur terga’ ssir votazzjoni bl-istess procedura sakemm jintlahaq ftehiem. Il-Kelliem spjega wkoll li biex jinhatar Vici Sindku ghandu jkun hemm maggoranza semplici jigifieri 50% + 1 u li s-Sindku jew min ikun qed jippresiedi l-laqgha m’ghandux il-casting vote. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li jekk ikun hemm aktar minn nomina wahda l-votazzjoni ghal dawk nominati ssir f’ordni alfabetiku. Il-kelliem informa lill-Kunsill li wara kull votazzjoni jista’ jkun hemm bidla fil-lista tal-persuni nominati.

4.3. Ic-Chairwomen Carmela Attard staqsiet lill-Kunsilliera prezenti jekk kienx hemm xi nomini ghal-hatra ta’ Vici Sindku.

4.4. Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li huwa ma kienx interessat li jokkupa l-kariga u kien qed jinnomina lill-Kunsillier Pierre Cordina.

4.5. Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li kien qed jinnomina lill-Kunsillier Ray Pace.

4.6. Ic-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghal-ewwel elezzjoni fejn ir-rizultat ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghat-tieni elezzjoni.

4.7. Ir-Rizultat tat-tieni elezzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghat-tielet elezzjoni.

4.8. Ir-Rizultat tat-tielet elezzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghar-raba' elezzjoni.

4.9. Ir-Rizultat tar-raba' elezzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghal-hames elezzjoni.

4.10. Ir-Rizultat tal-hames elezzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsillier Paul Baldacchino vvota favur filwaqt li l-Kunsilliera Pierre Cordina, Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard ghaddiet ghas-sitt elezzjoni.

4.11. Ir-Rizultat tas-sitt elezzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Pierre Cordina kien, il-Kunsillier Paul Baldacchino vvota favur filwaqt li l-Kunsilliera Pierre Cordina, Ray Pace u Carmela Attard astjenew. Peress li l-Kunsillier nominat ma kisibx maggoranza saret il-votazzjoni ghan-nomina tal-Kunsillier Ray Pace fejn ir-rizultat kien il-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur u l-Kunsilliera Paul Baldacchino u Carmela Attard astjenew. Minhabba l-fatt li hadd miz-zewg persuni nominati ma kiseb maggoranza c-Chairwomen Carmela Attard infurmat lill-Kunsill li skond kif jitlob l-Att tal-Kunsili Lokali l-laqgha tal-Kunsill tkellha tigi aggornata ghal-nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar 2000 fil-5.30 bit-tkomplija ta' l-agenda.

4.12. Il-Laqgha giet aggornata fis-7.15 pm.

**Carmela Attard**
**Kunsillier**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**

## Laqgha Numru 01/K3/2000 - Tkomplija

## Introduzzjoni

Tkomplija tal-Minuti ta’ l-Ewwel Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 19 ta’ Jannar 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Paul Baldacchino, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Carmela Attard kellha tasal tard.

Is-Sindku Joe Zammit ippresieda l-laqgha.

Kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-4 ta' Jannar 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 16 / K3 / 99.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Elezzjoni ghal-Hatra ta’ Vici Sindku.**
5. **Approvazzjoni tal-Quarter Financial Report Ott. – Dic. 1999.**
6. **Mozzjoni Numru 10/99 – Il-problema ta’ l-gharar wara x-xita**
7. **Tahrig militari fil-lokal mil-AFM.**
8. **Il-Possibilita ta’ Golf Course fil-lokal.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji Ohra.**

## 4. Elezzjoni ghal-Hatra ta’ Vici Sindku.

4.13. Is-Sindku Joe Zammit wara li ta’ rendikont ta’ kif titmexxa l-elezzjoni ghall-Vici Sindku ghadda ghas-seba’ elezzjoni fejn staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk kienx hemm xi nomini.

4.14. Il-Kunsillier Paul Baldacchino nnomina lill-Kunsillier Pierre Cordina ghal-hatra ta’ Vici Sindku.

4.15. Il-Kunsillier Pierre Cordina nforma lill-Kunsill li ma kienx qed jilqa’ n-nomina.

4.16. Fid-dawl li fl-ewwel elezzjoni ma kien hemm hadd nominat kif ukoll li l-Kunsillier Carmela Attard kellha tasal tard, is-Sindku Joe Zammit ppropona li din l-item tkompli tigi diskusa aktar tard fil-laqgha.

4.17. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

4.18. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Paul Baldacchino vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Pierre Cordina astjenew.

4.19. Il-Mozzjoni ghaddiet.

## 5. Approvazzjoni tal-Quarter Financial Report Ott. – Dic. 1999.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jaghti spjegazzjoni dwar ir-rapport finanzjarju Ottubru – Dicembru 1999.

5.2. Is-Segreretarju Ezekuttiv Kevin Borg ta' spjegazzjoni dettaljata tar-rapport u l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill sa' l-ahhar ta' Dicembru 1999. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li l-ammont ta' flus bhala surplus ghandhom jizdiedu mal-vot taz-zamma u manutenzjoni tat-toroq.

5.3. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju Ottubru – Dicembru 1999 kif ukoll li l-flus surplus ghandhom jizdiedu mal-vot taz-zamma u manutenzjoni tat-toroq. **( Ara Appendici A )**

5.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

5.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Mozzjoni numru 10/99 – Il-problema ta' l-gharar wara x-xita.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Ray Pace jaqra l-mozzjoni.

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace qara' il-mozzjoni u s-Sindku Joe Zammit talab ghal-sekondant.

6.3. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda l-mozzjoni.

6.4. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill bl-ahhar zviluppi li kien hemm fosthom l-ittra riferenza PLC 008/2000 li ntbghatet ftit tal-jiem ilu lill-Onor. Ministru F Zammit Dimech. Il-Kelliem informa lill-Kunsill li l-ittra kienet titlob twegiba minghand il-Ministeru sa nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2000 liema risposta ghada ma waslitx.

6.5. Il-Kunsillier Ray Pace qal li hemm bzonn li jsir xi haga mmedjatament biex tissolva l-problema. Il-kelliem qal li parti mill-problema hija wkoll tort tar-residenti minhabba l-fatt li baxxew il-bankini minhabba l-basements kif ukoll li saru rampi tal-konkos fit-triq liema rampi qed jaghmluha facli ghal-ilma biex jidhol fid-djar.

6.6. Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li hu kien favur il-mozzjoni ghajr li ma jaqbilx ma' l-ahhar parti. Il-kelliem qal li hemm hafna soluzzjonijiet biex tittaffa l-problema fosthom li jsir il-culvert, tigi modifikata l-bankina quddiem plot 470 Triq Amabile Sisner, il-bankina ta' Triq il-Mediterran issir sprall kbir biex ma jostakolax l-ilma, jitbattal il-gibjun tal-gnien u jitnehhew xi gebel li hemm fi Triq Napuljun Tagliaferro quddiem Triq F X Caruana. Ghal dan il-ghan il-kelliem rrakkomanda li l-mozzjoni tigi emendata biex l-ahhar paragrafu jigi jaqra ***"Fin-nuqqas ta' risposta pozittiva min-naha ta' l-Awtoritajiet, l-Kunsill ghandu***

***jiehu mizuri mmedjati wara studju li sar biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti”***.

6.7. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien jaqbel perfettament mal-proposta tal-Kunsillier Paul Baldacchino.

6.8. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-ahhar parti tal-mozzjoni ghandha tigi emendata kif gej ***“Il-Kunsill ghandu jiehu mizuri mmedjati wara studju li sar biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti. Fin-nuqqas ta’ risposta pozittiva min-naha ta’ l-Awtoritajiet, il-Kunsill ghandu jirrivedi l-programm ta’ hidma tieghu.”***

6.9. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni 10/1999 kif emendata mill-Kunsilliera Ray Pace u Paul Baldacchino sekondata nkluz l-emendi mill-Kunsillier Pierre Cordina **( Ara appendici B )**

6.12. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Tahrig militari fil-lokal mil-AFM.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett rega’ tqajjem b’riferenza ghal dak li kien gie deciz fil-laqghat precedenti.

7.2. Wara diskussjoni qasira gie deciz unanimament li l-Kunsill ghandu jitlob lill-AFM biex kemm jista’ jkun l-AFM izzomm mal-programm ta’ tahrig li baghtu lill-Kunsill u dan minhabba l-fatt li l-Kunsill ma jistax joggezzjona li jsir tahrig militari fil-lokal inkluz urban training. Gie deciz unanimament ukoll li kopja tal-progamm ta’ tahrig militari fil-lokal ghandha tigi nkluza fil-harga tal-magazine li jmiss.

## 8. Il-Possibilita ta’ Golf Course fil-lokal.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-kumpanija kienet forniet lill-Kunsill b’rapport tal-proposti, li bhalhom kienu tressqu quddiem l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, biex fis-sit ta’ bejn il-lukanda SAS Raddison Bay Point u l-White Rocks Holiday Complex issir Golf Course. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jzomm quddiem ghajnejh li dan il-progett ser jaffettwa t-toroq li hemm prezenti minn Triq il-Mediterran ghal mal-bahar, l-ambjent tas-sit indikat kif ukoll li tista’ tkun possibbilita’ kif l-area indikata tigi protetta minn sfregju ambjentali.

8.2. Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li hemm numru ta’ punti li jhoss li huma kardinali qabel jibda jigi diskuss il-progett propost fosthom li r-residenti jkollhom access liberu ghal madwar il-kosta ta’ madwar 100 metru, jkun hemm access minn Triq il-Mediterran ghal-kosta fosthom minn Triq Malfeggiani u madwar il-Wied, ma jkunx hemm ostaklu tal-vista li hemm illum il-gurnata minn Triq il-Mediterran, wara l-palm ta’ Triq il-Mediterran jithalla passagg ta’ madwar 25 metru biex isir passagg pedonali u jsir rapport dettaljat ta’ l-impatt ambjentali li jista’ jkun hemm b’dan il-progett.

8.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kien jaqbel mal-kummenti tal-Kunsillier Paul Baldacchino izda qal li jkun f'pozizzjoni ahjar wara li jinghata kopja tar-rapport.

8.4. Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li apparti dak kollu li qal il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li l-Kunsill ghandu jzomm quddiem ghajnejh il-fatt li l-kumpanija li qed tressaq dan il-proggett ghandha wkoll il-proposta li l-art tinghadda lilhom minghand il-Gvern Centrali b'cens ghal-99 sena.

8.5. Is-Sindku Joe Zammit talab il-permess tal-Kunsill biex jigu kkonsultat is-sur Oliver Abdilla li huwa resident kif ukoll parti mill-kumpanija li qed jipproponi l-progett.

8.6. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghat-talba tas-Sindku Joe Zammit.

8.7. Is-Sur Oliver Abdilla informa lill-Kunsill li l-applikazjoni giet sottomessa lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fl-ewwel jiem tas-sena 2000 izda sallum ma jidhirx li kien hemm xi zviluppi.

8.8. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ppropona li meta l-Kunsill jircievi n-notifika minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar l-applikazjoni tal-Golf Course terga' ssir diskussjoni fil-Kunsill biex wara tkun tista' ssir laqgha pubblika fejn il-Kunsill ikollu r-reazzjonijiet tar-residenti.

8.9. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Approvazzjoni tal-Kontijiet.

9.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti. **( Ara Appendici C u D )**

9.2. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

9.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4. Il-Kunsillier Paul Baldacchino talab lill-Kunsill biex jinforma lill-handyman biex kemm jista' jkun tinghata aktar attenzjoni meta jinqata' l-haxix tal-gnien biex ma ssirx hsara lis-sigar.

## 10. Materji Ohra.

10.1 Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-progett tal-White Rocks Holiday Complex fejn qal li l-Kunsill m'ghandux jaccetta li kull meta ssir riferenza ghal dan il-progett mill-Gvern Centrali dan jissejjah bhala Bahar ic-Caghaq u mhux Pembroke. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill ghandu jerga' jinforma lill-Ministru koncernat jigifieri l-Onorevoli Michael Refalo biex il-Kunsill ikun infurmat u konsultat ufficcjalment dwar dak kollu li jkun ghaddej fuq dan il-progett.

10.2 Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Budget ghadu ma bediex jinhadem minhabba l-fatt li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghadu ma nformax lill-Kunsill b'kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2000/2001. Il-kelliem qal li b'konsegwenza ta' dan ma jidhirx li l-Kunsill ser ikun f'pozizzjoni li jaghmel il-laqgha pubblika annwali fi zmien stipulat fil-ligi jigifieri fl-ewwel hmistax ta' Frar.

10.3 Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Ray Pace jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-progett tal-Playing Field fi Triq Falaise.

10.4 Il-Kunsillier Ray Pace qal li l-Periti kienu nfurmawh li ma rcevewx kopja tal-proposti tieghu ghal dan il-progett.

10.5 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kopja tal-proposti kienet intbaghatet lill-Periti diga. Il-kelliem qal li kien ser jerga' jibghat kopja ohra.

10.6 Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-locality maps fejn qal li l-Malta Desalination Services kienu talbu kopja tal-proposti tal-Kunsill ta' kif ghandhom ikunu Locality Maps biex jekk huwa possibbli huma kienu lesti li jisponsorjaw wahda minnhom.

10.7 Il-Kunsillier Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill jisponsorja Lm 2.00 fuq kull recycle bin li nbieghu lir-residenti tal-lokal. Il-kelliem qal li l-ispiza hija ta' madwar Lm 14.00.

10.8 Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

10.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10 Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha li kellha ssir ma' l-Onorevoli George Pullicino li kellha ssir nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar giet posposta ghal nhar il-Gimgha 4 ta' Frar 2000 fis-2.30 pm fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

10.11 Il-Kunsillier Pierre Cordina qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom laqgha mas-sur Etienne Bonello Segretarju Generali tal-Malta Mountain Bike Association fejn ta' l-ahhar talab il-permess tal-Kunsil biex nhar il-Hadd 19 ta' Marzu 2000 issir l-ahhar tigrija tal-Malta Championships f'Pembroke fl-akwati tat-trakk tal-BMX. Il-kelliem qal li l-assocjazzjoni kienet lesta li taghti prominenza lill-Kunsill kemm il-darba l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-attivita'.

10.12 Wara diskussjoni qasira l-Kunisllier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li nhar il-Hadd 19 ta' Marzu 2000 l-Assocjazzjoni tal-Mountain Bike taghmel tigrija fl-akwati tal-BMX.

10.13 Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

10.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghal-PLC 14/2000 fejn informa lill-Kunsill li l-Onorevoli Ministru Censu Galea ma kienx baghat l-ebda tip ta' risposta dwar x'ser jigri dwar il-bini ta' Triq Misrah il-Fortizza. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fl-ittra l-Kunsill kien talab twegiba sa nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2000.

10.16 Il-Kunsill qabel unanimament li jestendi z-zmien sa' l-ahhar ta' Jannar u jekk ma jkunx hemm twegiba wara jigi deciz x'azzjonijiet ghandhom jittiehdu fosthom prsess conference u protesta pubblika' fiq il-post..

10.17 Is-Sindku Joe Zammit b'riferenza ghal-korrispondenza riferenza 81, ittra minghand l-Awtorita ta' l-Ippjanar dwar applikazzjoni ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli jitlobu li jinbena boundry wall madwar l-iskola, ppropona li l-Kunsill joggezzjona li jinbena boudry wall minhabba l-fatt li estetikament ikerrah l-ambjent kif ukoll li fejn qed jigi propost huwa faccata ta' zona residenzjali.

10.18 Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

10.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.20 B'riferenza ghall-korrispondenza riferenza 1 dwar il-laqgha ta' l-ECAD li ser tinzamm f'Cork, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ladarba huwa firmatarju ghandu jippartecipa ghal din il-Konferenza meta jasal il waqt biex tigi diskussa din il-possibilita'.

10.21 B'riferenza ghall-korrispondenza riferenza 88 dwar il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-traffiku gie deciz li l-Kunsill iqabbad lill-Kumpanija J & K biex taghmel xoghol ta' manutenzjoni fi Triq Tobruk qabel din terga' tinfetah ghat-traffiku.

10.22 Il-Kunsillier Ray Pace ghamel riferenza ghal-progett pilota tas-separazzjoni ta' l-iskart fejn qal li hu kien inghata boroz bojod u mhux grizi bil-konsegwenzza li l-kolletturi ta' l-iskart mhux qed jigbru l-iskart tieghu ma dak separat kif suppost.

10.23 Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li ser jiehu nota ta' dan minhabba l-fatt li rrizulta li kien hemm numru ta' boroz li kienu bojod.

10.24 Il-Kunsillier Ray Pace fid-dawl li numru ta' toroq jinsabu fi stat hazin wara x-xita li ghamlet ressaq mozzjoni numru 01/2000 biex isir patching f'dawk it-toroq bl-aktar toqob specjalment dawk distributorji. **( Ara appendici E )**

10.25 Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ghal dan il-ghan li s-surplus tar-rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 1999 kif indikat mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg gie propost li jintefaq fuq iz-zammu u manutenzjoni tat-toroq.

10.26 Wara diskussjoni qasira is-Sindku Joe Zammit talab l-approvazzjoni ta' mozzjoni 01/2000 proposta mill-Kunsillier Ray Pace.

10.27 Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

10.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Elezzjoni ghal-Hatra ta' Vici Sindku.

4.20. Is-Sindku Joe Zammit ghadda ghat-tminn elezzjoni ghal-hatra ta' Vici Sindku fejn staqsa jekk kienx hemm xi nomini. Hadd mill-Kunsilliera prezenti ma nnomina lil hadd.

4.21. Is-Sindku Joe Zammit ghadda ghad-disa' elezzjoni ghal-hatra ta' Vici Sindku fejn staqsa jekk kienx hemm xi nomini. Il-Kunsillier Paul Baldacchino nnomina lill-Kunsillier Pierre Cordina. Il-Kunsillier Pierre Cordina rrifjuta n-nomina u ghaldaqstant dan irrizulta li ma kienx hemm nominazzjonijiet.

4.22. Is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-ghaxar elezzjoni ghal-hatra ta' Vici Sindku fejn staqsa jekk kienx hemm xi nomini. Hadd mill-Kunsilliera prezenti ma nnomina lil hadd.

4.23. Is-Sindku Joe Zammit ghadda ghat-hdax il-elezzjoni ghal-hatra ta' Vici Sindku fejn staqsa jekk kienx hemm xi nomini. Hadd mill-Kunsilliera prezenti ma nnomina lil hadd.

4.24. Is-Sindku Joe Zammit ghadda ghat-tnax il-elezzjoni ghal-hatra ta’ Vici Sindku fejn staqsa jekk kienx hemm xi nomini. Hadd mill-Kunsilliera prezenti ma nnomina lil hadd.

4.25. Wara t-tnax il-elezzjoni s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li skond kif jiprovdi l-Att tal-Kunsilli lokali l-aktar Kunsillier anzjan f’dan il-kaz il-Kunsillier Carmela Attard ghandha, dejjem jekk taccetta, tinhatar Vici Sindku ghall-perjodu ta’ tlett xhur.

4.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l-fatt li l-Kunsillier Carmela Attard ma kienetx prezenti, il-kariga ghandha timtela mill-Kunsillier l-aktar anzjan warajha, u dan skond kif kien qed jinterpreta l-Ligi.

4.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ligi kienet cara u tispecifika li l-aktar Kunsillier anzjan ghandu jinhatar vici Sindku u jekk jirrifjuta huwa biss, ghandu jigi kkunsidrat ta’ warajh. Il-kelliem qal li hu kien jirrakkomanda li f’dan l-istadju minhabba li l-aktar Kunsillier anzjan huwa skuzat il-laqgha ghandha tigi aggornata peress li l-ligi m’hiex cara f’dan ir-rigward u x’jigri f’cirkostanzi simili.

4.28. Hawn kien hemm diskussjoni dwar l-interpratazzjoni tal-Ligi fejn finalment is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lis-Sindku Joe Zammit biex jekk ghandu xi dubju rigward l-interpretazzjoni tal-ligi ghandu jaghmel kuntatt ma’ l-AKL biex jinghataw parir legali fuq din il-kwistjoni.

4.29. Is-Sindku Joe Zammit ghamel kuntatt telefoniku ma’ Dr. Ian Micallef, President ta’ l-AKL fejn dan ikkonferma l-parir li kien ta’ s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill jigifieri li l-laqgha ghandha tigi aggornata.

4.30. Il-Laqgha giet aggornata fl-10.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha titkompla nhar it-Tlieta 25 ta’ Jannar 2000 fil-5.30 pm bit-tkomplija ta’ l-agenda.

**Joe Zammit**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**

## Laqgha Numru 01/K3/2000 - Tkomplija

## Introduzzjoni

Tkomplija tal-Minuti ta' l-Ewwel Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Carmela Attard, Paul Baldacchino, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit ippresieda l-laqgha.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-4 ta' Jannar 2000. L-**Agenda** kienet hekk

**4. Elezzjoni ghal-Hatra ta' Vici Sindku.**

## 4. Elezzjoni ghal-Hatra ta' Vici Sindku.

4.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li skond kif jitlob l-Att tal-Kunsilli Lokali l-ghazla tal-Vici Sindku, ladarba ma ntlahaqx ftehiem wara t-tnax il-elezzjoni ghandha taqa' fuq l-aktar Kunisllier anzjan, f'dan il-kaz il-Kunsillier Carmela Attard. Il-kelliem qal li jekk dan il-Kunsillier ma jaccettax il-kariga tigi offruta lill-Kunisllier ta' warajh. Ghaldaqstant il-kelliem staqsa lill-Kunsilier Carmel;a Attard jekk taccettax il-kariga ta' Vici Sindku ghat-tlett xhur li gejjin skond kif jitlob l-Att tal-Kunsilli Lokali.

4.32. Il-Kunsillier Carmela Attard qalet li kienet ser taccetta l-kariga izda qalet li tixtieq li sa tlett xhur ohra jilhaq jintlahaq ftehiem permanenti dwar il-kariga tal-Vici Sindku.

4.33. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-elezzjoni tal-Vici Sindku ghanda ssir fl-24 jew 25 t'April 2000.

4.34. Is-Sindku Joe Zammit talab il-permess tal-Kunsill biex jaghmel intervent bhala materji ohra.

4.35. Il-Kunsilliera prezenti ma sabux oggezzjoni.

## 10. Materji Ohra.

10.29 Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu waslu l-pjanti tal-proposti ta' l-SAS Raddisson Baypoint.

10.30 Il-Kunsillier Ray Pace qal li mil-pjanti mhux rifless l-gholi tal-bini. Ghal dan il-ghan il-kelliem ppropona li l-SAS Raddisson Bay Point jintalbu cross section tal-bini psopost fuq it-toroq Pietru Darmenia u Profs. Walter Ganado.

10.31 Is-Sindku Joe Zammit ta’ rendikont tad-diskussjonijiet li l-kumitat kongunt ghat-thaddim tal-Gwardjani Lokali qed ikollu fid-dawl tat-tendres tal-Gwardjani Lokali u l-Ufficcal Awtorizzat. Il-kelliem qal li kienu qed isiru l-intervisti ma’ dawk kollha li tefghu t-tenders.

10.32 Fis-6.00 pm il-Kunsillier Ray Pace talab li jigi skuzat.

10.33 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lis-Sindku Joe Zammit biex jitlob kopja ta’ l-offerti li ntefghu fir-rigward ta’ dawn it-tenders. Il-kelleim qal li din l-informazzjoni hija bzonjuza anke ghal meta jkun hawn l-Udituri fl-ahhar tas-sena.

10.34 Is-Sindku Joe Zammit prezenta petizzjoni minn residenti li joqghodu Triq l-Isqof Angelo Portelli u l-akwati dwar ilmenti minn kelb jonboh. **( Ara Appendici F )** Il-Kelliem talab li din il-petizzjoni ghandha tintbaghat lill-kummissarju tal-Pulizija ghal aktar investigazzjoni.

10.35 Is-Sindku Joe Zammit qal li residenti li joqghodu Triq l-Imhallef William Harding talbu lill-Kunsill prezenti biex jikkonferma ittra li kien kiteb l-ex Sindku Gino Cauchi dwar bcejjec t’art li hemm bejn id-djar. **( Ara appendici G )**

10.36 Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li l-ittra inkwistjoni kienet inkitbet minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kelliem qal li f’dak iz-zmien kien kiteb internal memo dwar din l-ittra. Il-kelliem irrakkomanda li qabel l-itsess ittra tigi konfermata ghandha ssir idkussjoni dwarha fil-Kunsill.

10.37 Is-Sindku Joe Zammit fid-dawl ta’ dan talab li ssir ricerka ta’ dak li kien gie diskuss qabel tittiehed decizjoni finali.

10.38 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena April 2000 – Marzu 2001 kienet ser tkun ta’ Lm 136,149.00 li minnhom l-ammont ta’ Lm 16,559.00 kellhom jigu allokati f’din is-sena finanzjarja. Il-kelliem qal ghalhekk li l-ammont realu huwa ta’ Lm 120,390.00. Il-kelliem qal li fid-dawl ta’ dan flimkien mas-Sindku kien ha’ hsieb li jigi preparat Draft Budget ghas-sena finanzjarja April 2000 sa Marzu 2001. **( Ara appendici H )**

10.39 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ta’ rendikont tal-proposti tal-Budget intlahaq ftehiem li nhar l-Erbgha 2 ta’ Frar fil-5.30 pm issir laqgha nformali tal-Kunsill biex ikunu jistghu isiru l-ewwel diskussjonijiet dwar il-budget kif ukoll isiru xi proposti godda.

10.40 Il-Laqgha intemmet fis-7.00 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 9 ta’ Frar 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |